MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 251/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**vs**

**KENNETH ELLUL**
**- OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Kenneth Ellul ta' 34 sena, iben Joseph Mary u Iris nee' Caruana, imwieled il-Pieta' nhar il-15 ta' Settembru 1974, residenti gewwa 12 door 2, Triq il-Konservatorju, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 444374(m)

U

- omissis -

gew akkuzati talli:

Flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

Bejn Jannar u Frar 2009, minn gewwa residenza li ghadha bla isem u bla numru fi Triq Josef Calleja, Swieqi, ikkommettew serq ta’ appliances u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ John Saliba u/jew persuni ohra,

**U lil Kenneth Ellul wahdu talli**;

Bejn Jannar u Frar 2009, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi kisser tieqa ta’ l-aluminium kif ukoll bieb ta’ barra ta’ l-injam ta’ residenza bla isem u bla numru fi Triq Josef Calleja, Swieqi, liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), u dan ghad-detriment ta’ John Saliba u/jew persuni ohra;

U aktar talli bejn Jannar u Frar 2009, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, minn gewwa r-residenza bl-isem Warda, Triq Guze’ Orlando, Birkirkara, ikkommetta serq ta’ oggetti u flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ Shkab Adel Othman u jew persuni ohra;

U aktar talli bejn Jannar u Frar 2009, flimkien ma’ persuna jew persuni ohra, minn gewwa r-residenza numru 6, Triq Arcilla, Balzan, ikkommetta serq ta’ kotba, liema serq huwa aggravat bil-valur meta l-valur tal-haga misruq huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ persuna jew persuni li ghadhom mhux maghrufa;

U aktar talli bejn Settembru u Ottubru 2008, minn gewwa residenza li ghadha bla isem u bla numru fi Triq Josef Calleja, Swieqi, ikkommetta serq ta’ appliances u ghodod, liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta’ John Saliba u/jew persuni ohra;

U aktar talli bejn Settembru 2008 u Frar 2009, xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun u indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**U lil - omissis - wahidha talli**;

- omissis -

Il-Qorti giet mitluba titratta ma’ Kenneth Ellul wahdu bhala ricediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi moghija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 28 ta' Settembru, 2009 u li tinsab a fol. 125 tal-Process u nnutat li l-imputat Kenneth Ellul m'ghandux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni a tenur tal-artikolu 344 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza ta' serq aggravat migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghti mill-Avukat Generali fl-istess Nota tar-Rinviju datata 28 ta' Settembru, 2009, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-istess artikolu 533 tal-Kap. 9 u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-artikoli 23A u 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 28 ta' Settembru, 2009, iddikjara li f'din il-kawza dawn l-artikoli ma japplikawx u ghaldaqstant talab lill-Qorti sabiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija artikoli 23A u 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni a tenur tal-artikolu 344 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien

sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni a tenur tal-artikolu 344 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-maggor parti tar-rifurtiva giet ritornata lis-sidien.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 49, 50, 261, 263, 267, 269, 278, 279, 280, 289 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Kenneth Ellul, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni a tenur tal-artikolu 344 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda l-fedina penali xejn felici tal-imputat u minn naha l-ohra l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-maggior parti tar-rifurtiva giet ritornata lis-sidien tikkundanna lill-istess imputat Kenneth Ellul ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

Inkwantu ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Kenneth Ellul li tirrigwarda ricettazzjoni a tenur tal-artikolu 344 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur rigward din l-akkuza migjuba kontra l-imputat, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija akkuza migjuba kontra l-imputat Kenneth Ellul li tirrigwarda ricettazzjoni a tenur tal-artikolu 344 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre il-Qorti b'referenza ghall-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghti mill-Avukat Generali fl-istess Nota tar-Rinviju datata 28 ta' Settembru, 2009 fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur rigward l-imsemmi

artikolu 533 tal-Kap. 9, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur b'referenza ghall-artikoli 23A u 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija artikoli 23A u 23B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju datata 28 ta' Settembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------